KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CRUZ VILLALÓN
ippreżentati fl-1 ta' Marzu 2012[1]

Kawża C-135/11 P

IFAW Internationaler Tierschutz-Fonds gGmbH
vs

Il-Kummissjoni Ewropea

"Appell — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dritt ta' aċċess għad-dokumenti tal-istituzzjonijiet — Dokumenti li joriġinaw minn Stat Membru — Oppożizzjoni ta' dan l-Istat Membru għall-iżvelar tal-imsemmija dokumenti — Portata tal-istħarriġ tal-istituzzjonijiet tar-raġunijiet għall-oppożizzjoni tal-Istat Membru — Portata tal-istħarriġ ġudizzjarju u l-aċċess tal-Qorti Ġenerali għad-dokumenti kontenzjużi"

1. L-ewwel miż-żewġ aggravji tal-appell preżenti, imressaq kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Jannar 2011, IFAW Internationaler Tierschutz-Fonds vs Il-Kummissjoni (iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"),[2] għandu jagħmilha possibbli għall-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonsidra fid-dettall il-ġurisprudenza dwar l-aċċess għal dokumenti li joriġinaw minn Stat Membru, stabbilita fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Diċembru 2007, L-Isvezja vs Il-Kummissjoni.[3] B'mod figurattiv, dan l-appell jista' kważi jitqies li qiegħed ifittex l-infurzar tas-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni u għalhekk jipprovdi lill-Qorti tal-Ġustizzja bl-opportunità li tidħol għall-kompitu diffiċli li tinterpreta l-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni[4].

2. It-tieni aggravju għandu jagħmilha possibbli għall-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi dwar żewġ materji ġenerali oħra: l-ewwel nett, il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' atti tal-Unjoni Ewropea, fejn il-kontenut sostantiv ta' dawn l-atti ġie stabbilit, fuq livell kemxejn wiesa', b'riferiment fil-proċess tal-abbozzar għal dokumenti li joriġinaw minn Stat Membru u, it-tieni nett, il-livell ta' immedjatezza li jista' tkun meħtieġ għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' dokument li l-iżvelar tiegħu huwa kontenzjuż.

I – Il-kuntest ġuridiku

3. Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1049/2001:

"1. Kull ċittadin ta' l-Unjoni, u kull persuna naturali jew legali residenti jew bl-uffiċċju reġistrat f'Stat Membru, għandu dritt ta' aċċess għad-dokumenti ta' l-istituzzjonijiet, bla ħsara għall-prinċipji, kondizzjonijiet u limiti stipulati f'dan ir-Regolament.

[…]

1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.
2 — Kawża T-362/08.
3 — Kawża C-64/05, Ġabra p. I-11389.
4 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331.

3. Dan ir-Regolament għandu jgħodd lil kull dokument miżmum minn istituzzjoni, jiġifieri, dokumenti miktuba minnha jew li rċiviet u fil-pussess tagħha, f'kull qasam qasam ta' attività ta' l-Unjoni Ewropea.

[…]".

4. L-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1049/2001 jipprovdi d-definizzjonijiet li ġejjin:

"Għall-għan ta' dan ir-Regolament:

(a) "dokument" tfisser kull kontenut, ikun liema jkun il-medju tiegħu (miktub fuq karta jew reġistrat f'forma elettronika jew bħala reġistrazzjoni, ta' ħoss, viżiv jew awdjoviż) dwar kwistjoni dwar il-politiki, l-attivitajiet u d-deċiżjonijiet li jaqgħu fl-isfera ta' responsabbiltà ta' l-istituzzjoni;

(b) "parti terza" tfisser kull persuna naturali jew legali, jew kull entità barra mill-istituzzjoni involuta, inklużi l-Istati Membri, korpi Komunitarji oħrajn, istituzzjonijiet oħra mhux Komunitarji u korpi u pajjiżi terzi."

5. Konformement mal-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1049/2001, l-eċċezzjonijiet li ġejjin japplikaw għal dan il-qasam:

"1. L-istituzzjonijiet għandhom jirrifjutaw aċċess għal dokument meta l-iżvelar tiegħu jista' jdgħajjef il-ħarsien ta':

(a) l-interess pubbliku fir-rigward ta':

— is-sigurtà pubblika,

— kwistjonijiet militari u tad-difiża,

— relazzjonijiet internazzjonali,

— il-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Komunità jew ta' Stat Membru;

[…]

3. […]

Aċċess għad-dokument li fih opinjonijiet għall-użu intern bħala parti minn deliberazzjoni u konsultazzjonijiet preliminarji fl-istituzzjoni kkonċernat għandu jiġi rifjutat anke wara li tittieħed id-deċiżjoni jekk l-iżvelar tad-dokument serjament idgħajjef il-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet ta' l-istituzzjoni, jekk m'hemmx interess pubbliku akbar fl-iżvelar tiegħu.

4. Fir-rigward ta' dokumenti ta' partijiet terzi, l-istituzzjoni għandha tikkonsulta mal-parti terza bl-iskop li tagħmel stima dwar jekk tapplika[x] eċċezzjoni fil-paragrafu 1 jew 2, jekk ikun [sakemm ma jkunx] ċar li d-dokument għandu jew m'għandux jiġi żvelat.

5. Stat Membru jista' jitlob lill-istituzzjoni sabiex ma tiżvelax dokument li joriġina minn dak l-Istat Membru mingħajr il-kunsens minn qabel tiegħu.

6. Jekk partijiet biss tad-dokument mitlub huma koperti minn xi eċċezzjoni, il-biċċiet l-oħra tad-dokument għandhom jiġu żvelati.

7. L-eċċezzjonijiet stipulati fil-paragrafi 1 sa 3 għandhom japplikaw biss għaż-żmien li fih il-ħarsien huwa ġustifikat fuq il-bażi tal-kontenut tad-dokument. L-eċċezzjonijiet jistgħu japplikaw għal perjodu mhux itwal minn 30 sena. Fil-każ ta' dokumenti koperti mill-eċċeżżjonijiet dwar privatezza jew interessi kummerċjali u fil-każ ta' dokumenti sensittivi, l-eċċeżżjonijiet jistgħu, jekk meħtieġ, jibqgħu japplikaw wara dan il-perjodu."

II – Il-fatti li wasslu għall-kawża

A – *L-ewwel talba għal aċċess għal dokumenti li joriġinaw minn Stat Membru miżmuma f'fajl tal-Kummissjoni*

6. IFAW Internationaler Tierschutz-Fonds gGmbH (iktar 'il quddiem l-"IFAW"), hija organizzazzjoni mhux governattiva li topera fil-qasam tal-preżervazzjoni tal-benesseri tal-annimali u tal-protezzjoni tan-natura.

7. Wara li tressqet talba quddiemha mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja bbażata fuq it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 6(4) tad-Direttiva 92/43/KEE (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 92/43"),[5] il-Kummissjoni, fid-19 ta' April 2000, tat opinjoni favur it-twettiq ta' proġett industrijali fis-sit ta' Mühlenberger Loch, żona protetta skont din id-direttiva. Dan il-proġett kien jikkonsisti fl-espansjoni tal-fabbrika li tappartjeni lill-kumpannija D għall-iskopijiet tal-assemblaġġ finali tal-Airbus A3XX.

8. Permezz ta' ittra tal-20 ta' Diċembru 2001 lill-Kummissjoni, l-IFAW talbet aċċess għal diversi dokumenti rċevuti mill-Kummissjoni b'konnessjoni mal-evalwazzjoni tal-proġett industrijali msemmi iktar 'il fuq, b'mod partikolari l-korrispondenza li oriġinat mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-Belt ta' Hamburg u l-Kanċillier Ġermaniż.

9. Peress li qieset li l-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1049/2001 kien jipprojbiha milli tiżvela d-dokumenti inkwistjoni, il-Kummissjoni ċaħdet l-aċċess għal ċerti dokumenti b'deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2002.

10. Ir-rikors għal annullament ta' din id-deċiżjoni ppreżentat mill-IFAW kien miċħud b'sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Novembru 2004.[6]

11. Ir-Renju tal-Isvezja, intervenjent fil-kawża għal annullament, ippreżenta appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali.

12. Permezz tas-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2007, L-Isvezja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali u annullat id-deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 2002. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "meta Stat Membru jkun eżerċita l-fakultà li hija miftuħa lilu permezz ta' l-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1049/2001 li jitlob li dokument speċifiku, li joriġina minn dan l-Istat, ma jiġix żvelat mingħajr il-ftehim [kunsens] minn qabel tiegħu, l-iżvelar eventwali ta' dan id-dokument mill-istituzzjoni jeħtieġ […] il-kisba ta' ftehim minn qabel ta' l-imsemmi Stat Membru" (punt 50). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "jekk l-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1049/2001 jiġi interpretat bħala li jagħti l-Istat Membru dritt ta' veto ġenerali u inkondizzjonali bl-għan li jirrifjuta, b'mod purament diskrezzjonali u mingħajr ma jkollu immotiva d-deċiżjoni tiegħu, l-iżvelar ta' kull dokument miżmum minn istituzzjoni Komunitarja, minħabba l-uniku fatt li l-imsemmi dokument jkun ġej minn dan l-Istat Membru, dan mhuwiex kompatibbli ma' l-għanijiet tar-Regolament Nru 1049/2001" (punt 58). Għalhekk, oppożizzjoni minn Stat Membru trid tkun ibbażata fuq xi waħda mill-eċċezzjonijiet sostantivi stabbiliti fl-Artikolu 4(1) sa (3) tar-Regolament Nru 1049/2001, u "jaqa' taħt il-kompetenza tal-qorti Komunitarja, li tistħarreġ fuq it-talba tal-parti interessata li ġiet irrifjutata aċċess mill-istituzzjoni, jekk l-imsemmi rifjut seta' kienx validament ibbażat fuq l-imsemmija eċċezzjonijiet, u dan, kemm jekk dan ir-rifjut jirriżulta mill-evalwazzjoni ta' dawn ta' l-eċċezzjonijiet, mill-istituzzjoni stess jew mill-Istat Membru. Għandu wkoll jiġi rrilevat li, fir-rigward ta' din il-parti interessata, l-intervent ta' l-Istat Membru ma jaffettwax in-natura Komunitarja tad-deċiżjoni li l-istituzzjoni tindirizzalha ulterjorment bħala risposta għat-talba ta' l-aċċess li hija tkun resqitilha dwar dokument li hija żżomm fil-pussess tagħha" (punt 94).

5 — Id-Direttiva tal-Kunsill, tal-21 ta' Mejju 1992, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102).

6 — Sentenza IFAW Internationaler Tierschutz-Fonds vs Il-Kummissjoni (T-168/02, Ġabra p. II-4135).

B – *Talba ġdida għal aċċess għad-dokumenti rrifjutati*

13. B'riżultat tas-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni, l-IFAW reġgħet għamlet it-talba tagħha għal aċċess għad-dokumenti li joriġinaw mill-awtoritajiet Ġermaniżi rċevuti mill-Kummissjoni fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-proġett Mühlenberger Loch.

14. Wara għadd ta' skambji ta' korrispondenza, b'deċiżjoni tad-19 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni żvelat id-dokumenti kollha mitluba mill-IFAW, bl-eċċezzjoni ta' ittra tal-15 ta' Marzu 2000 mill-Kanċillier Ġermaniż lill-President tal-Kummissjoni (iktar 'il quddiem l-"ittra tal-Kanċillier Ġermaniż"), peress li l-awtoritajiet Ġermaniżi opponew l-iżvelar ta' dan id-dokument.[7]

15. Skont id-deċiżjoni tad-19 ta' Ġunju 2008, l-awtoritajiet Ġermaniżi kienu ddikjaraw li l-iżvelar tal-ittra tal-Kanċillier jista' jdgħajjef il-ħarsien tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali u l-politika ekonomika tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja skont it-tifsira tat-tielet u r-raba' inċiżi tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament Nru 1049/2001.

16. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Ġermaniżi kienu ddikjaraw li l-iżvelar tal-ittra tal-Kanċillier Ġermaniż jista' jdgħajjef serjament il-ħarsien tal-proċess deċiżjonali tal-Kummissjoni skont it-tifsira tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001.

17. L-IFAW ressqet rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tad-19 ta' Ġunju 2008, li ta lok għas-sentenza appellata f'din il-kawża. Dan ir-rikors kien ibbażat fuq il-ksur tat-tielet u r-raba' inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) u tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001.

C – *Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali li hija taħt appell f'din il-kawża*

18. Il-Qorti Ġenerali eżaminat il-portata tal-oppożizzjoni mqajma mill-awtoritajiet Ġermaniżi skont l-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1049/2001, u rrilevat li l-Artikolu 4(5) jagħmel il-kunsens minn qabel tal-Istat Membru kundizzjoni neċessarja għall-iżvelar ta' dokument, għalkemm, skont id-duttrina li toriġina minn L-Isvezja vs Il-Kummissjoni (iktar 'il quddiem "il-ġurisprudenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni"), l-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1049/2001 ma jagħtix lill-Istat Membru dritt ta' veto ġenerali u inkondizzjonat, li jippermettilu jopponi arbitrarjament, u mingħajr ma jkollu jagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu, l-iżvelar ta' xi dokument miżmum minn istituzzjoni sempliċement għax ikun joriġina minn dak l-Istat Membru.

19. Meta wieħed japplika l-ġurisprudenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni (skont liema, barra minn hekk, għandu jiġi mfakkar li t-talba għal informazzjoni mill-persuna ikkonċernata hija indirizzata lill-Unjoni Ewropea u għalhekk din tammonta għal att Komunitarju), il-Qorti Ġenerali elaborat is-suġġett li jikkonċerna d-dmir ta' Stat Membru li jiddikjara l-motivazzjoni u l-portata tas-setgħat tal-Unjoni Ewropea li twettaq stħarriġ ta' din il-motivazzjoni. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-istħarriġ imwettaq mill-qrati tal-Unjoni Ewropea ma huwiex limitat għal stħarriġ *prima facie,* u li ma hemm xejn li jipprekludi milli jsir stħarriġ komplet tad-deċiżjoni ta' rifjut tal-Kummissjoni, li għandha b'mod partikolari tirrispetta l-obbligu ta' motivazzjoni u li tkun ibbażata fuq l-evalwazzjoni sostantiva magħmula mill-Istat Membru kkonċernat tal-applikabbiltà tal-eċċezzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(1) sa (3) tar-Regolament Nru 1049/2001.

20. Sussegwentement il-Qorti Ġenerali eżaminat ir-raġuni għal rifjut ibbażata fuq l-eċċezzjoni li tikkonċerna l-protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-politika ekonomika ta' Stat Membru, imsemmija fir-raba' inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) tal-imsemmi regolament, u ddikjarat li, f'dan il-każ, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kellha tiġi rikonoxxuta bħala li tgawdi diskrezzjoni wiesgħa f'dan is-sens, u li l-istħarriġ dwar il-legalità ta' tali deċiżjoni mill-qrati tal-Unjoni Ewropea għandu jkun limitat għall-verifika dwar jekk ir-regoli proċedurali u d-dmir ta' motivazzjoni kinux ġew segwiti, jekk il-fatti kieux ġew iddikjarati bi preċiżjoni, u jekk kienx hemm żball manifest ta' evalwazzjoni jew abbuż ta' poter.

7 — Kienu pprovduti b'kollox 8 dokumenti, mill-Belt ta' Hamburg u mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja.

21. Fir-rigward tal-eċċezzjoni li tikkonċerna l-ħarsien tal-interess pubbliku fir-rigward tal-politika ekonomika ta' Stat Membru, stabbilita fir-raba' inċiż tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament Nru 1049/2001, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, minkejja l-qosor tagħha, il-motivazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet Ġermaniżi kienet biżżejjed sabiex tippermetti lill-IFAW tikkonstata r-raġunijiet għal rifjut u lill-qrati tal-Unjoni Ewropea sabiex iwettqu l-istħarriġ tal-legalità li għandhom l-obbligu li jagħmlu.

22. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li ngħatat konsiderazzjoni għat-talba għal aċċess għad-dokumenti għal kull wieħed mid-dokumenti msemmija fit-talba. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat b'mod partikolari li l-mogħdija taż-żmien ma kienx affettwa r-raġunijiet dwar kunfidenzjalità mressqa mill-awtoritajiet Ġermaniżi.

III – L-appell: il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

23. Fit-18 ta' Marzu 2011, l-IFAW ippreżentat appell kontra s-sentenza tal-Qorti Ġenerali. L-appell tagħha huwa bbażat fuq żewġ aggravji:

— żball ta' liġi mill-Qorti Ġenerali billi naqset milli tiddeċidi li l-Kummissjoni jmissha wettqet stħarriġ sħiħ tar-rifjut tal-Ġermanja sabiex jiġi stabbilit jekk ir-raġunijiet tagħha kinux jaqgħu fl-ambitu tal-eċċezzjonijiet tal-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1049/2001.

— żball ta' liġi mill-Qorti Ġenerali fir-rigward tan-natura u l-portata tal-istħarriġ li hija għandha tagħmel b'konnessjoni mar-rifjut ta' Stat Membru. Dan l-aggravju huwa maqsum f'żewġ partijiet: (1) l-inadegwatezza ta' stħarriġ limitat li jkun ristrett għall-verifika tal-aspetti proċedurali, jekk kienx hemm konformità mad-dmir ta' motivazzjoni, jekk il-fatti kinux ġew iddikjarati b'mod preċiż, u jekk kienx hemm żball manifest jew abbuż ta' poter, u (2) il-bżonn għall-Qorti Ġenerali li jkollha aċċess dirett għad-dokument ikkontestat.

24. L-ewwel nett, l-IFAW issostni li l-Qorti Ġenerali naqset li tieħu inkunsiderazzjoni b'mod xieraq il-fatt li, kif sostniet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 76 tas-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1049/2001 l-Istat Membru huwa mogħti biss "setgħa ta' parteċipazzjoni fid-deċiżjoni Komunitarja", u tippreċiża li fl-aħħar mill-aħħar id-deċiżjoni hija deċiżjoni tal-Unjoni Ewropea. L-IFAW issostni li b'mod konformi mas-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni, tali deċiżjoni għandha tiġi adottata skont il-Linji gwida li ġejjin: (a) bidu ta' djalogu ġenwin bejn l-istituzzjoni u l-Istat Membru kkonċernat; (b) kunsens tal-Istat Membru kkonċernat, jew oppożizzjoni bbażata fuq l-eċċezzjonijiet fl-Artikolu 4(1) sa (3) tar-Regolament Nru 1049/2001; (ċ) għeluq tad-djalogu ġenwin; (d) verifika mill-istituzzjoni li r-raġunijiet invokati jeżistu kif ukoll ir-riferiment għalihom fid-deċiżjoni finali, u (e) adozzjoni tad-deċiżjoni finali. L-IFAW tkompli biex tgħid li, matul din il-proċedura, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrikjedi li l-istituzzjoni twettaq stħarriġ sħiħ u komplet tal-oppożizzjoni mmotivata tal-Istat Membru. Dan l-istħarriġ jinkludi tliet stadji: (a) verifika dwar jekk l-oppożizzjoni hijiex ibbażata fuq l-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1049/2001; (b) verifika li l-Istat Membru mmotiva l-pożizzjoni tiegħu, u (ċ) evalwazzjoni dwar jekk l-eċċezzjonijiet u l-motivi invokati humiex applikabbli għad-dokument inkwistjoni.

25. L-IFAW issostni li l-Qorti Ġenerali naqset li ssegwi t-tielet u l-aħħar stadju u kkonkludiet, bil-kontra ta' dak li ġie ddikjarat mill-Qorti tal-Ġustizzja, "li ma huwiex neċessarju li tinqata' l-kwistjoni li jsir magħruf jekk il-Kummissjoni kinitx marbuta […] li twettaq verifika *prima facie* jew verifika kompleta tal-motivi ta' oppożizzjoni invokati mill-Istat Membru" (punt 84 tas-sentenza appellata). Skont l-IFAW, il-Qorti Ġenerali applikat b'mod żbaljat is-sentenza tal-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja, u b'hekk introduċiet, impliċitament, dritt ta' veto min-naħa tal-Istat Membru, li fuqu fl-aħħar mill-aħħar taqa' d-deċiżjoni li ma jiġix żvelat id-dokument.

26. Barra minn hekk, l-IFAW issostni li, mingħajr stħarriġ sħiħ, l-istituzzjoni tirrisjka li tirrifjuta l-aċċess pubbliku għal dokumenti li fir-rigward tagħhom l-eċċezzjonijiet imressqa mill-Istat Membru attwalment ma jeżistux. Fl-opinjoni tal-IFAW, dan kien il-każ tad-deċiżjoni appellata, fejn l-eċċezzjoni tar-"relazzjonijiet internazzjonali" mressqa mill-Istat Membru, u anki mill-Kummissjoni, bl-ebda mod ma kienet teżisti, peress li ma kien hemm l-ebda Stat terz involut fin-negozjati li b'konnessjoni magħhom id-dokument rikjest kien prodott.

27. Sussidjarjament, l-IFAW issostni li l-Qorti Ġenerali għandha twettaq stħarriġ komplet fil-forma korretta u xierqa. Fis-sentenza appellata, huwa ddikjarat li l-kwistjoni vera li għandha tiġi kkunsidrata ma tikkonċernax "it-tip ta' verifika li l-Kummissjoni kienet awtorizzata twettaq" iżda pjuttost "it-tip ta' stħarriġ […] li l-qorti tal-Unjoni hija awtorizzata twettaq fir-rigward tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta aċċess għad-dokument in kwistjoni" (punt 86). Għalhekk, skont l-IFAW, il-Qorti Ġenerali tenfasizza li jekk il-Kummissjoni ma twettaqx stħarriġ komplet dwar l-oppożizzjoni tal-Istat Membru, il-Qorti Ġenerali nnifisha hija intitolata li tagħmel dan. Jekk wieħed jassumi li l-Kummissjoni ma hijiex obbligata li twettaq stħarriġ komplet (proposta miċħuda mill-IFAW), il-Qorti Ġenerali għandha tosserva t-tliet stadji msemmija fil-punt 24 iktar 'il fuq. Dan jimplika neċessarjament li l-Qorti Ġenerali għandha tordna li jiġi prodott id-dokument sabiex tkun tista' tivverifika hija stess l-eżistenza u, għalhekk, l-applikabbiltà tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-istituzzjoni u invokati oriġinarjament mill-Istat Membru.

28. Skont l-IFAW, jekk il-Qorti Ġenerali hija l-unika istituzzjoni li għandha l-obbligu li twettaq stħarriġ komplet, imbagħad hija għandha tiggarantixxi l-legalità u l-awtenticità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, u ma tistax twettaq dan l-obbligu mingħajr ma tkun rat jew analizzat id-dokument inkwistjoni.

29. L-IFAW issostni li l-Qorti Ġenerali mhux biss ikkonstatat li ma kienx neċessarju li tordna l-produzzjoni tal-ittra iżda wkoll li hija kkontradixxiet lilha nnifisha. Dan għaliex wara li osservat li hija l-unika istituzzjoni awtorizzata li twettaq stħarriġ komplet, il-Qorti Ġenerali ħadet pass lura billi stqarret li meta tiġi ffaċċjata b'rifjut ta' Stat Membru hija għandha tirrispetta d-diskrezzjoni wiesgħa ta' dak l-Istat Membru, u b'hekk tillimita l-portata tal-istħarriġ tagħha li huwa limitat għal eżami dwar jekk ir-regoli proċedurali kinux segwiti, jekk id-dmir ta' motivazzjoni kienx ġie segwit, jekk il-fatti kinux ġew iddikjarati b'mod preċiż, u jekk kienx hemm żball manifest ta' evalwazzjoni jew abbuż ta' poter. Fil-qosor, dan l-approċċ finalment jippermetti dritt ta' veto lill-Istat Membru.

30. Għalhekk, l-IFAW titlob li s-sentenza appellata tiġi annullata, li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tiġi annullata, u l-Kummissjoni tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

31. Fir-risposta tagħha, il-Kummissjoni tibda billi tistqarr li ma tikkontestax l-analiżi tal-IFAW tas-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni fir-rigward tal-obbligi tal-Kummissjoni li twettaq stħarriġ, għalkemm, fir-rigward tat-tliet stadji tal-proċedura ta' stħarriġ, il-Kummissjoni terġa' ttenni l-pożizzjoni li adottat quddiem il-Qorti Ġenerali, li kienet kif ġej: (a) il-Kummissjoni kkonsultat l-awtoritajiet nazzjonali, li (b) opponew billi invokaw numru ta' eċċezzjonijiet stipulati fir-Regolament Nru 1049/2001, u (ċ) ladarba l-Kummissjoni kienet stabbilixxiet li l-eċċezzjonijiet u l-motivazzjoni kienu *prima facie* legali, hija tat deċiżjoni motivata.

32. Fir-rigward tal-ilment li l-Qorti Ġenerali ħalliet barra t-tielet stadju tal-proċedura, il-Kummissjoni ssostni li l-ilment huwa infondat u li dan juri li l-IFAW naqset milli tifhem il-pożizzjoni tal-Qorti Ġenerali. Skont il-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali segwiet fedelment is-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni.

33. Il-Kummissjoni tistqarr li, fil-punt 81 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali osservat li "[s]a fejn il-Kummissjoni ma topponix l-iżvelar tad-dokument inkwistjoni u tadotta fid-deċiżjoni tagħha r-raġunijiet invokati mill-Istat Membru, huma r-raġunijiet indikati minn dan l-Istat Membru, adottati fl-imsemmija deċiżjoni, li għandhom jiġu eżaminati mill-qorti tal-Unjoni". Għalhekk, meta l-Qorti Ġenerali stqarret li "ma huwiex neċessarju li tinqata' l-kwistjoni li jsir magħruf jekk il-Kummissjoni kinitx marbuta […] li twettaq verifika *prima facie* jew verifika kompleta tal-motivi ta' oppożizzjoni invokati mill-Istat Membru" (punt 84 tas-sentenza appellata) jew li dik il-kwistjoni hija "irrilevanti", dak li kienet attwalment qiegħda

tagħmel il-Qorti Ġenerali ma kienx daqstant li tistabbilixxi dritt ta' veto iżda pjuttost qiegħda tgħid li d-deċiżjoni tal-istituzzjoni għandha tkun ibbażata fuq l-eċċezzjonijiet stabbiliti bir-Regolament Nru 1049/2001, irrispettivament minn jekk dawn l-eċċezzjonijiet humiex ibbażati fuq evalwazzjoni mill-istituzzjoni nnifisha jew mill-Istat Membru kkonċernat. Meta, għall-iskopijiet ta' stħarriġ, l-istituzzjoni tivverifika jekk l-eċċezzjonijiet u l-motivazzjoni li fuqhom jibbaża ruħu l-Istat Membru humiex *prima facie* invokati legalment fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, u jippreżenta dik il-motivazzjoni fid-deċiżjoni tar-rifjut finali, din il-motivazzjoni hija l-motivazzjoni tal-istituzzjoni u tista' tkun suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju, irrispettivament mill-oriġini tagħha. Il-Kummissjoni ssostni li għalhekk il-Qorti Ġenerali ħadet pożizzjoni klassika ħafna meta stqarret li l-istituzzjoni għandha timmotiva d-deċiżjoni tagħha b'mod ċar u l-qrati tal-Unjoni Ewropea għandhom jistħarrġu din il-motivazzjoni. Fil-fehma tal-Kummissjoni, dan huwa konsistenti mal-linji gwida stabbiliti fis-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni.

34. Fir-rigward tat-tieni aggravju, il-Kummissjoni ssostni li dan huwa bbażat fuq nuqqas ta' ftehim. Fil-fehma tal-Kummissjoni, l-IFAW tidher li qed tħawwad il-kunċett ta' "stħarriġ" ma' dak ta' "skoperta". Dan ikun ifisser li l-qrati tal-Unjoni Ewropea ma jistgħux iwettqu stħarriġ sħiħ mingħajr ma jeżaminaw id-dokumenti kkonċernati. Il-Kummissjoni ssostni li, indipendentement mill-piż li dan iqiegħed fuq il-qrati tal-Unjoni Ewropea u indipendentement mill-fatt li tali allegazzjoni ma tiħux inkunsiderazzjoni n-natura diskrezzjonali tas-setgħa li tiddeċiedi dwar miżuri ta' stħarriġ, inkluża l-produzzjoni ta' dokumenti, din l-allegazzjoni tkun tammonta għal tgħawwiġ tan-natura tal-azzjoni għal annullament u tal-istħarriġ imwettaq mill-qrati tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 263 tat-Trattat. Essenzjalment, it-tieni aggravju jkun jirrikjedi li l-qrati tal-Unjoni Ewropea b'mod sistematiku jqiegħdu lilhom infushom minflok l-istituzzjoni awtorizzata sabiex tadotta d-deċiżjoni.

35. Fid-dawl tan-natura tal-istħarriġ imwettaq mill-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni ssostni li l-IFAW ma hijiex qed tifhem il-pożizzjoni tal-Qorti Ġenerali, peress li din tal-aħħar ma tikkunsidrax li għandha tillimita ruħha għal stħarriġ limitat li jrid jirrispetta d-diskrezzjoni wiesgħa tal-Istat Membru. Il-Kummissjoni ssostni li, għall-kuntrarju, kif joħroġ ċar mill-punti 87 u 88 tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali ma tikkunsidrax li hija ma hijiex awtorizzata twettaq stħarriġ komplet.

36. Il-Kummissjoni tikkonkludi billi tistqarr li l-eċċezzjoni li ġiet iċċitata fid-deċiżjoni ta' rifjut u eżaminata mill-Qorti Ġenerali hija inkluża fl-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament Nru 1049/2001, jiġifieri "il-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Komunità jew ta' Stat Membru". Fis-sentenza Sisón vs Il-Kunsill,[8] li tittratta r-rifjut mill-Kunsill li jiżvela dokument abbażi ta' eċċezzjoni skont l-Artikolu 4(1)(a), il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li "għandu jiġi rikonoxxut li [l-Kunsill għandu] marġini ta' diskrezzjoni wiesa' għall-finijiet li jiġi stabbilit jekk l-iżvelar ta' dokumenti li jaqgħu f'oqsma koperti bl-imsemmija eċċezzjonijiet jistax jippreġudika l-interess pubbliku" (punt 34), u kompliet tgħid li l-istħarriġ tal-legalità mwettaq mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' tali deċiżjoni għandu jkun limitat għall-verifika tal-osservanza tar-regoli tal-proċedura u tal-motivazzjoni u tal-eżattezza materjali tal-fatti, kif ukoll tan-nuqqas ta' żball manifest ta' evalwazzjoni jew ta' abbuż ta' poter. Il-Kummissjoni tosserva li s-sentenza appellata tirreferi għal dik il-pożizzjoni fil-punti 104 u 105. Għaldaqstant, kien minħabba n-natura tal-eċċezzjoni invokata li l-Qorti Ġenerali aċċettat id-diskrezzjoni wiesgħa tal-Istat Membru. Għalhekk, il-Kummissjoni tissottometti li t-tieni aggravju wkoll għandu jiġi miċħud.

37. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni ssostni li l-appell għandu jiġi miċħud u li l-IFAW għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

8 — Sentenza tal-1 ta' Frar 2007 (C-266/05 P, Ġabra p. I-1233).

IV – Evalwazzjoni

38. Dan l-appell essenzjalment iqajjem il-kwistjoni li tikkonċerna l-istħarriġ dwar attività amministrattiva minn żewġ perspettivi differenti. Minn naħa (l-ewwel aggravju), hemm l-"istħarriġ" li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea huma awtorizzati jew meħtieġa li jwettqu fuq deċiżjonijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-aċċess għad-dokumenti tagħhom stess li huma fil-pussess tal-Unjoni Ewropea. Min-naħa l-oħra (it-tieni aggravju), hemm l-stħarriġ ġudizzjarju li l-qrati tal-Unjoni Ewropea huma awtorizzati jew rikjesti li jwettqu fir-rigward tad-deċiżjoni finali fuq talba lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea għal aċċess għal dawn id-dokumenti.

A – *L-ewwel aggravju: in-natura u l-portata tal-istħarriġ tal-Kummissjoni tar-raġunijiet li fuqhom l-Istat Membru jibbaża l-oppożizzjoni tiegħu għall-iżvelar*

39. Kif indikajt fil-punt 23(a), fl-ewwel aggravju tagħha l-IFAW issostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta naqset li tikkonstata li l-Kummissjoni jmissha wettqet stħarriġ sħih tar-rifjut tal-Ġermanja sabiex tistabbilixxi jekk ir-raġunijiet tagħha kinux jaqgħu taħt l-eċċezzjonijiet fl-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1049/2001.

40. Huwa xieraq li wieħed jibda sabiex josserva li, b'mod konformi mar-Regolament Nru 1049/2001, huma biss l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li huma kompetenti sabiex jistabbilixxu jekk dokumenti tal-istituzzjoni humiex koperti, f'każ partikolari, bl-eċċezzjonijiet stabbiliti bl-Artikolu 4 tar-Regolament. Madankollu, fir-rigward ta' "dokumenti ta' partijiet terzi", l-Artikolu 4(4) jagħti lill-parti terza kkonċernata d-dritt li tiġi kkonsultata "bl-iskop li tagħmel stima dwar jekk tapplika eċċezzjoni fil-paragrafu 1 jew 2, jekk ikun ċar li d-dokument għandu jew m'għandux jiġi żvelat."

41. Fl-aħħar nett, meta l-parti terza inkwistjoni tkun Stat Membru, l-Artikolu 4(5) tar-Regolament jagħti lil dan l-Istat Membru d-dritt li "jitlob lill-istituzzjoni sabiex ma tiżvelax […] jekk ma jkunx ġie miftiehem hekk minn qabel", dokument fil-pussess tal-Unjoni Ewropea. Għal darb'oħra, hija l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni partikolari li dwarha huwa kkonċernat dan l-appell.

42. Il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat ħafna mill-kwistjonijiet diffiċli li kienu mqajma bl-Artikolu 4(5) fis-sentenza tat-18 ta' Diċembru 2007 L-Isvezja vs Il-Kummissjoni, li wasslu direttament għas-sentenza tal-Qorti Ġenerali li issa ġiet appellata. Madankollu, filwaqt li jista' jkun li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet indirizzat dawn il-kwistjonijiet, ma jistax jingħad bl-istess mod li din kienet solviethom, peress li d-dispożizzjoni kkonċernata tqajjem diffikultajiet ta' interpretazzjoni sinjifikanti.[9]

43. L-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1049/2001 jagħti lill-Istati Membri d-dritt li jitolbu li d-dokumenti li jorġinaw minn għandhom ma jiġux żvelati mingħajr il-kunsens tagħhom. Mal-ewwel daqqa ta' għajn, jidher li huwa possibbli biss li d-dispożizzjoni tiġi interpretata li tagħmel riferiment għal żewġ tipi ta' azzjoni possibbli li, barra minn hekk, huma reċiprokament esklużivi: (A) id-dispożizzjoni tagħmel riferiment għal rikjesta sempliċi, li tista tkun jew ma tkunx valida, jew (B) id-dispożizzjoni tagħmel riferiment għal rikjesta li minnha nnifisha hija dritt ta' veto li l-eżerċizzju tiegħu huwa dipendenti biss fuq ix-xewqat tal-Istat Membru kkonċernat.

9 — Kif stqarr l-Avukat Ġenerali Poiares Maduro f'punt 32 tal-Konklużjonijiet tiegħu fis-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni, il-Gvern Daniż korrettement iddeskriva l-ambigwità insuperabbli tal-formulazzjoni tal-Artikolu 4(5) bħala "ambigwità kostruttiva" li l-użu tagħha kien neċessarju sabiex tkun possibbli l-adozzjoni tagħha mil-leġislatura Komunitarja. Filwaqt li din in-neċessità hija raġuni suffiċjenti għall-interpretazzjoni "politika" ta' din id-dispożizzjoni, din ma tistax tkun raġuni suffiċjenti għall-interpretazzjoni legali tagħha, li hija l-unika interpretazzjoni li qorti hija mistennija li tipprovdi. Barra minn hekk, l-awturi akkademiċi legali huma unanimi fl-evalwazzjoni tagħhom tad-diffikultajiet dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjoni. Minbarra l-artikolu ċċitat mill-Avukat Ġenerali Poiares Maduro fin-nota ta' qiegħ il-paġna 20 tal-Konklużjonijiet tiegħu (Heliskoski, J. u Leino, P., "Darkness at the break of noon: the case law on Regulation No 1049/2001 on access to documents", *CMLR*, vol. 43 (2006), p. 735 *et seq.*), ara Guichot, E., *Transparencia y acceso a la información en el Derecho Europeo*, Cuadernos Universitarios de Derecho Administrativo, Sevilla, 2011, p. 123 *et seq.*, li wkoll jagħti rendikont dwar il-prospetti ta' riforma tal-leġislazzjoni kurrenti. F'dan ir-rigward, ara Leino, P., "Case C-64/05 P, *Kingdom of Sweden vs Comisión of the European Communities and others*, Judgment of the European Court of Justice (Grand Chamber) of 18 December 2007" *CMLR*, vol. 45 (2008), p. 1469 *et seq.*

44. Fil-fehma tiegħi, madankollu, fis-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni il-Qorti tal-Ġustizzja pproċediet lil hinn minn din id-dikotomija. Hija għamlet dan permezz ta' deċiżjoni li min-naħa tagħha tqajjem id-diffikultajiet ta' interpretazzjoni tagħha. Barra minn hekk, għandu jiġi osservat li s-sentenza inkwistjoni kienet tirrappreżenta pass 'il quddiem fir-razzjonalizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali rilevanti tal-Unjoni Ewropea.[10] Essenzjalment, il-Qorti tal-Ġustizzja fittxet li tiddeduċi mill-ispirtu tar-Regolament Nru 1049/2001 il-bażi leġiżlattiva u kunċettwali meħtieġa sabiex tinsab triq tan-nofs li tkun tista' tirrikonċilja t-termini ta' din il-kontradizzjoni.

45. Filwaqt li wieħed jirrikonoxxi li din hija biċċa xogħol riskjuża, jien tal-fehma li l-ġurisprudenza li tinsilet mill-kawża L-Isvezja vs Il-Kummissjoni tista' tinġabar fil-qosor fil-punti li ġejjin:

46. Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta l-Artikolu 4(5) bħala dispożizzjoni li toħloq proċedura, pjuttost milli tqassim ta' kompetenzi (punt 93). Fil-qosor, din il-proċedura hija waħda fejn kemm l-Istat Membru u l-Kummissjoni "jipparteċipaw" (punt 93). Madankollu, għandu jiġi enfasizzat li r-rifjut ta' aċċess għad-dokument huwa att strettament attribwibbli għall-Kummissjoni (punt 94).

47. Fit-tieni lok, fid-dawl tal-argument preċedenti, it-talba tal-Istat Membru mhijiex min-natura tagħha dritt ta' veto "ġenerali u inkundizzjonat" (punt 75). Konsegwentement, l-Istat Membru huwa meħtieġ, b'mod partikolari, li "jimmotiva" ir-rifjut tiegħu (punt 87). Barra minn hekk, il-motivazzjonijiet għar-rifjut għandhom ikunu bbażati fuq waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(1) sa (3) tar-Regolament Nru 1049/2001 (punt 88).

48. Fit-tielet lok u mingħajr dubju l-iktar punt problematiku, u l-iktar wieħed importanti f'dan l-aggravju, huwa dak li l-Qorti tal-Ġustizzja tidher li llimitat il-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni għall-verifika (punt 89) tal-konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq imposti fuq l-Istat Membru. Fi kliem ieħor, il-Kummissjoni għandha tivverifika li r-raġunament jeżisti, li kien stabbilit u li huwa bbażat fuq l-eċċezzjonijiet. Ċertament, il-Kummissjoni hija rikjesta li tistqarr il-motivazzjoni tagħha iżda, fl-aħħar mill-aħħar, din il-motivazzjoni tista' jew x'aktarx għandha tkun dik ippreżentata lilha mill-Istat Membru kkonċernat (punt 90).

49. Fir-raba' u l-aħħar lok, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni hija suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju (punti 89 u 90). Madankollu, dan il-punt huwa marbut mat-tieni aggravju.

50. L-IFAW issostni li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali taħt appell tintroduċi mill-ġdid dritt ta' veto li kellu jitqies li tneħħa meta r-"regola ta' l-awtur" kienet ġiet abolita b'riżultat tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 1049/2001, kif jingħad espressament fil-punt 59 tas-sentenza L-Isveżja vs Il-Kummissjoni. Skont l-IFAW, dak il-pass lura jirriżulta mill-fatt li l-Qorti Ġenerali ddeċidiet li kien perfettament possibbli li "l-istħarriġ" tal-Kummissjoni tar-rifjut ta' Stat Membru li jiżvela dokument li jkun oriġina minn dak l-Istat Membru jiġi limitat għall-eżami ta' materji formali u proċedurali, mingħajr il-ħtieġa li jitwettaq eżami komprensiv u rigoruż tar-raġunijiet għal rifjut fid-dawl tal-eċċezzjonijiet imsemmija fir-Regolament Nru 1049/2001.

51. Fil-fehma tiegħi, u naqbel mal-Kummissjoni fuq dan il-punt, din il-konklużjoni hija riżultat ta' interpretazzjoni żbaljata tas-sentenza appellata. L-IFAW iffukat l-attenzjoni tagħha fuq id-dikjarazzjoni tal-Qorti Ġenerali li "ma huwiex neċessarju li tinqata' l-kwistjoni li jsir magħruf jekk il-Kummissjoni kinitx marbuta […] li twettaq verifika *prima facie* jew verifika kompleta tal-motivi ta' oppożizzjoni invokati mill-Istat Membru" (punt 84 tas-sentenza appellata), li minnha l-IFAW tikkonkludi li l-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni ma hjiex obbligata tivverifika jekk l-eċċezzjonijiet stipulati fir-Regolament Nru 1049/2001 li ġew invokati mill-Istat Membru, attwalment jeżistux fil-każ inkwistjoni.

10 — Is-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni kienet is-suġġett ta' ħafna artikoli, li jiddeskrivu u jeżaminaw is-soluzzjoni adottata mill-Qorti tal-Ġustizzja. Minbarra l-artikoli ċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna preċedenti, ara, *inter alia*, Diamandouros, N., "Openness and Acces to Documents", *EStAL*, 4/2008; Schadtle, K., "Informationsfreiheit und Verwaltungtransparenz in Europa: Das Recht auf Zugang zu Dokumenten aus den EG-Mitgliedstaaten auf dem Prüfstand — Zugleich eine Besprechung des Urteils des Europäischen Gerichtshofs vom 18. Dezember 2007, Rs. C-64/05 P", *DöV* (2008), p. 455 *et seq.*; u Wegener, W.B., "Art. 15, Rn. 19-22", f'Callies/Ruffert, EUV. *EGV Kommentar*, C.H. Beck, Munich, ir-4 ed., 2011.

52. Madankollu, fil-fehma tiegħi, din ma hijiex il-konklużjoni li ssegwi mid-diċitura tas-sentenza appellata.

53. Il-Qorti Ġenerali tibda billi tiddikjara fil-punt 79 tas-sentenza tagħha, li "[i]l-Kummissjoni, bħala awtriċi ta' deċiżjoni ta' rifjut ta' aċċess għal dokumenti, hija responsabbli għal-legalità tagħha."

54. Il-legalità ta' din id-deċiżjoni tiddependi fuq l-eżistenza ta' waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija fir-Regolament Nru 1049/2001 li għandha tkun debitament immotivata f'dan ir-rigward. Ovvjament għandha tkun il-Kummissjoni, bħala "l-awtur" tad-deċiżjoni ta' rifjut, li tevalwa jekk kinitx teżisti waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet jew le. Għal dan l-iskop, il-Kummissjoni tista' jew tifforma l-opinjoni tagħha jew tadotta bħala tagħha l-opinjoni tal-Istat Membru kkonċernat. Fiż-żewġ każijiet, huwa ċar li, irrispettivament mill-oriġini tagħhom, ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata d-deċiżjoni ta' rifjut għandha tkun suffiċjenti għall-iskopijiet li tikkostitwixxi motivazzjoni ta' deċiżjoni attribwibbli lill-Unjoni Ewropea. Huwa preċiżament dan il-punt li fuqu ffukat l-attenzjoni tagħha l-Qorti Ġenerali fejn ikkonstatat li meta, bħas-sitwazzjoni li qiegħda tiġi mistħarrġa, il-Kummissjoni adottat bħala tagħha r-raġunijiet invokati mill-Istat Membru, hija obbligata li ssemmihom fid-deċiżjoni ta' rifjut.

55. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali segwiet strettament id-deċiżjoni tal-Awla Manja fis-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni.

56. Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlitha ċara fil-punt 88 tas-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni li, wara d-djalogu ġenwin bejn l-istituzzjoni u l-Istat Membru kkonċernat fir-rigward tal-applikazzjoni possibbli tal-eċċezzjonijiet imsemmija fir-regolament, "[l]-istituzzjoni ma tistax fil-fatt taġixxi skond ir-rifjut muri minn Stat Membru għall-iżvelar ta' dokument li joriġina minnu jekk l-imsemmija oppożizzjoni hija nieqsa minn kull motivazzjoni jew jekk dik il-motivazzjoni mhijex spjegata b'referenza għall-eċċezzjonijiet elenkati fl-Artikolu 4(1) sa (3) tar-Regolament Nru 1049/2001. Meta, minkejja l-istedina espressa f'dan is-sens indirizzata mill-istituzzjoni lill-Istat Membru, dan tal-aħħar jibqa' ma jipprovdilhiex tali motivazzjoni, l-imsemmija istituzzjoni għandha, jekk din tikkunsidra minn naħa tagħha li ebda waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(1) sa (3) ta' dan ir-Regolament ma japplikaw, tagħti aċċess għad-dokument mitlub."

57. Il-punt 89 tas-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni jistqarr li "l-istituzzjoni stess għandha l-obbligu li timmotiva d-deċiżjoni ta' rifjut kontra l-awtur tat-talba ta' aċċess." Dan ifisser li huwa essenzjali li r-rifjut jiġi mmotivat. Jekk ir-raġunijiet li fuqhom huwa bbażat ir-rifjut fid-deċiżjoni finali huma l-istess raġunijiet imressqa mill-Istat Membru, "l-istituzzjoni [għandha] tesponi, fl-imsemmija deċiżjoni, mhux biss l-oppożizzjoni mmanifestata mill-Istat Membru kkonċernat għall-iżvelar tad-dokument mitlub, iżda wkoll raġunijiet invokati mill-imsemmi Stat Membru sabiex tikkonkludi bl-applikazzjoni ta' waħda mill-eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni għad-dritt ta' l-aċċess previsti fl-Artikolu 4(1) sa (3) ta' l-istess Regolament. Tali indikazzjonijiet huma fil-fatt ta' natura li jippermettu lill-parti interessata li tifhem l-oriġini u r-raġunijiet tar-rifjut kontriha u lill-qorti kompetenti sabiex teżerċita, skond il-każ, l-istħarriġ li huwa mogħti lilha" (punt 89 tas-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni).

58. Għalhekk, fir-rigward tal-motivazzjoni tad-deċiżjoni ta' rifjut, huwa neċessarju, iżda anki suffiċjenti, li l-istituzzjoni tistabbilixxi r-raġunijiet invokati mill-Istat Membru sabiex jiġġustifika l-eżistenza ta' waħda mill-eċċezzjonijiet imsemmija fir-Regolament Nru 1049/2001. Dan huwa dak li seħħ fil-każ inkwistjoni, peress li l-Kummissjoni ħadet inkunsiderazzjoni r-raġunijiet invokati mill-Ġermanja, u adottathom bħala tagħha u qisithom suffiċjenti sabiex tiġi ġġustifikata d-deċiżjoni finali ta' rifjut li għaliha, bħala att tal-Unjoni Ewropea, hija responsabbli l-Kummissjoni.

59. F'dan l-isfond, id-dikjarazzjoni fil-punt 86 tas-sentenza appellata għandha tiġi interpretata bħala li tfisser, fiċ-ċirkustanzi, li dak li jgħodd ma huwiex it-tip ta' stħarriġ li ġie mwettaq mill-Kummissjoni fir-rigward tar-raġunijiet invokati mill-Istat Membru, iżda pjuttost l-istħarriġ ġudizzjarju sostantiv ta' dawn ir-raġunijiet.

60. Fil-qosor, huwa ċar, fil-fehma tiegħi, li l-Kummissjoni segwiet il-ġurisprudenza stabbilita fis-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni meta, fid-dawl tar-raġunijiet invokati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, hija adottathom bħala motivazzjoni tad-deċiżjoni finali ta' rifjut, u għalhekk ippermettiet "lill-parti interessata li tifhem l-oriġini u r-raġunijiet tar-rifjut kontriha u lill-qorti kompetenti sabiex teżerċita, skond il-każ, l-istħarriġ li huwa mogħti liha" skont il-punt 89 tas-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni.

61. Konsegwentement, jiena nemmen li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud, peress li bil-kontra tal-allegazzjonijiet tal-IFAW, billi kkonstatat li l-Kummissjoni aġixxiet legalment billi semmiet ir-raġunijiet invokati mill-Istat Membru għar-rifjut ta' aċċess għad-dokument mitlub, il-Qorti Ġenerali segwiet id-duttrina stabbilita fis-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni. Skont din il-ġurisprudenza, huwa permezz ta' din il-motivazzjoni li l-Kummissjoni twettaq id-dmir tagħha skont il-proċess deċiżjonali previst fl-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1049/2001, li jipprovdi li hija ma għandhiex tagħmel riferiment għal raġunijiet oħra minbarra dawk ibbażati fuq l-eċċezzjonijiet previsti f'dan ir-regolament.

B – *It-tieni aggravju: in-natura u l-portata tal-istħarriġ gudizzjarju*

62. Permezz tat-tieni aggravju l-IFAW issostni li, fis-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fir-rigward tan-natura u l-portata tal-istħarriġ li hi nnifisha hija meħtieġa li twettaq fir-rigward tar-rifjut tal-Istat Membru. L-ewwel parti tal-aggravju tikkritika n-natura limitata tal-istħarriġ tad-deċiżjoni ta' rifjut imwettaq mill-Qorti Ġenerali, li, skont l-IFAW, kienet indebitament limitata għall-aspetti formali tal-proċess deċiżjonali u sabiex jiġi aċċertat li l-motivazzjoni kienet konsistenti mal-fatti u ma kinitx tikkostitwixxi żball ta' evalwazzjoni jew abbuż ta' poter.

63. Is-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni xejnet kull dubju possibbli dwar il-protezzjoni legali mogħtija lil persuna li tkun għamlet talba għal aċċess irrifjutata minn istituzzjoni. Fil-punt 90, l-Awla Manja qalet li, "fejn l-Istat Membru jirrifjuta b'mod immotivat li jawtorizza l-aċċess għad-dokument in kwistjoni, u fejn għaldaqstant, l-istituzzjoni tinsab kostretta li tiċħad it-talba ta' l-aċċess, l-awtur ta' l-imsemmija talba jgawdi minn protezzjoni ġudizzjarja, kuntrarjament għall-biżat espressi b'mod partikolari mill-IFAW."

64. Bħala protezzjoni ġudizzjarja li hija konsistenti mal-kontenut tad-dritt għal rimedju effettiv iggarantit bl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, din il-protezzjoni tinkludi evalwazzjoni materjali u sostantiva tal-legalità tal-att jew tal-miżura kkontestata, peress li l-Awla Manja tirrileva b'mod kruċjali li, fl-aħħar mill-aħħar, id-deċiżjoni ta' rifjut hija att tal-Unjoni Ewropea, u għalhekk hija suġġetta, fl-intier tagħha, għad-dritt tal-Unjoni Ewropea.

65. Dan huwa preċiżament il-kontenut tas-sentenza appellata, bil-punt 87 tagħha jgħid, "[f]ir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-legalità ta' din id-deċiżjoni ta' rifjut, mill-punt 94 tas-sentenza L-Isvezja vs Il-Kummissjoni […] jirriżulta li jaqa' taħt il-kompetenza tal-qorti li tistħarreġ, fuq talba ta' dak li lilu tkun saret oppożizzjoni u rċieva rifjut ta' aċċess mill-istituzzjoni mitluba, jekk dan ir-rifjut *setax validament ikun ibbażat* [11] fuq l-eċċezzjonijiet indikati fil-paragrafi 1 sa 3 tal-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1049/2001, u jekk dan ir-rifjut jirriżultax mill-evalwazzjoni tagħhom mill-istituzzjoni stess jew mill-Istat Membru kkonċernat".

66. "Isegwi li, bil-kontra ta' dak li tallega l-Kummissjoni [b'riżultat tal-applikazzjoni tal-Artikolu 4(5) tar-Regolament Nru 1049/2001,] l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni ma huwiex sempliċi stħarriġ *prima facie*. L-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma żżommhiex milli twettaq stħarriġ komplet tad-deċiżjoni ta' rifjut tal-Kummissjoni li għandha tosserva, b'mod partikolari, l-obbligu ta' motivazzjoni u li tiddependi mill-evalwazzjoni materjali, mill-Istat Membru kkonċernat, tal-applikabbiltà tal-eċċezzjonijiet previsti fil-paragrafi 1 sa 3 tal-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1049/2001."

11 — Il-korsiv huwa tiegħi.

67. Ebda mill-argumenti preċedenti ma jagħmilha possibbli li tiġi sostnuta l-asserzjoni tal-IFAW li l-Qorti Ġenerali sostniet li l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha tad-deċiżjoni ta' rifjut ma għandux għalfejn ikun daqshekk wiesa' u fid-dettall bħal fil-każ ta' stħarriġ ta' kwalunkwe att jew miżura tal-Unjoni Ewropea li jkunu suġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħha. Tabilħaqq, lanqas seta' jkun mod ieħor fid-dawl tal-importanza tad-dritt fundamentali involut, peress li wieħed għandu jżomm f'moħħu li d-dritt għal rimedju effettiv kontra l-awtoritajiet amministrattivi huwa, flimkien mal-prinċipju ta' legalità, wieħed mill-pilastri fundamentali fil-proċess storiku sabiex tiġi affermata s-saltna tad-dritt, it-tradizzjoni u l-prinċipji tagħha li huma l-bażi tal-Unjoni Ewropea (Artikolu 2 TUE).

68. Kwistjoni differenti hija dwar jekk, f'dan il-każ partikolari, il-Qorti Ġenerali effettivament wettqitx stħarriġ ġudizzjarju denju li jissejjaħ hekk billi dan huwa parti mid-dritt għal rimedju effettiv li issa huwa ggarantit bl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Dan iwassalni għat-tieni parti tat-tieni aggravju, li jeħtieġ, qabel kollox, kunsiderazzjoni ta' kwistjoni oħra: kien neċessarju għall-Qorti Ġenerali li jkollha aċċess dirett għad-dokument kontenzjuż?

69. Dwar dan il-punt, hija l-fehma tiegħi li l-appell għandu jiġi milqugħ.

70. Fil-fehma tiegħi, l-IFAW korrettament issostni li, għall-iskopijiet tal-istħarriġ tagħha *in camera,* il-Qorti Ġenerali jmissha ordnat il-produzzjoni tad-dokument kontenzjuż sabiex b'hekk tkun tista' tivverifika hija stess l-eżistenza, u għalhekk, l-applikabbiltà tal-eċċezzjonijiet imressqa mill-istituzzjoni u invokati oriġinarjament mill-Istat Membru.

71. F'dan is-sens, il-kwistjoni ma hijiex, kif issostni l-IFAW, jekk il-Qorti Ġenerali misshiex wettqet stħarriġ komplet jew, kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali, jekk f'sitwazzjoni tat-tip inkwistjoni, huwiex neċessarju li tingħata lill-Istat Membru kkonċernat diskrezzjoni wiesgħa sabiex jiġu invokati eċċezzjonijiet għad-dmir li jiġi żvelat dokument. Il-punt inkwistjoni hawnhekk jippreċedi dawn il-biżgħat.

72. Mingħajr il-ħtieġa li tiġi speċifikata l-intensità tal-istħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni li jiġi rrifjutat aċċess, huwa pjuttost ċar li, tkun kemm tkun baxxa l-intensità tiegħu, l-istħarriġ dejjem għandu jitwettaq fid-dawl tad-dokument kontenzjuż inkwistjoni. Inkella jkun impossibbli li jiġi stabbilit jekk ir-raġunijiet invokati mill-Istat Membru kkonċernat, irrispettivament minn kemm tkun wiesgħa l-evalwazzjoni li tista' ssir, jikkorrispondux sa ċertu punt mal-kontenut sostantiv reali tad-dokument li l-iżvelar tiegħu ġie rrifjutat.

73. Fl-istħarriġ dwar id-deċiżjoni ta' rifjut, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tagħmel riferiment għall-motivazzjoni li fuqha d-deċiżjoni hija bbażata. Barra minn hekk, jekk din il-motivazzjoni tikkonsisti f'evalwazzjoni tal-effetti li jkollu l-iżvelar tad-dokument fuq ċerti drittijiet u interessi, l-istħarriġ ikun possibbli sa fejn il-Qorti Ġenerali tkun f'pożizzjoni li tifforma l-opinjoni tagħha dwar il-kontenut sostantiv tad-dokument. Huwa biss jekk tkun taf x'inhu l-kontenut tad-dokument li l-Qorti Ġenerali tkun f'pożizzjoni li tevalwa l-validità tar-raġunijiet invokati mill-Kummissjoni u mill-Istat Membru kkonċernat sabiex jiġi prekluż l-iżvelar ta' dak id-dokument. Inkella l-Qorti Ġenerali sempliċement tkun qed tifforma opinjoni b'riferiment għal parti interessata, fejn finalment tkun qed tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq l-awtorità ta' persuna li d-deċiżjoni tagħha għandha, madankollu, tkun suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv.

74. Ġaladarba l-Qorti Ġenerali kienet, fid-dawl tad-dokument, f'pożizzjoni li tifforma opinjoni dwar il-portata tal-konsegwenzi possibbli tal-iżvelar ta' dan id-dokument, din imbagħad tkun f'pożizzjoni li teżamina u tevalwa r-raġunijiet invokati mill-Kummissjoni u mill-Istat Membru kkonċernat sabiex ma jsirx l-iżvelar. Huwa f'dak il-punt li tqum il-kwistjoni dwar jekk il-Qorti Ġenerali għandhiex tattribwixxi miżura diskrezzjonali ikbar jew iżgħar lill-Kummissjoni u lill-Istat Membru: fi kliem ieħor, jekk l-evalwazzjoni li finalment għandha tittieħed inkunsiderazzjoni, għandhiex tkun evalwazzjoni li saret mill-Qorti Ġenerali jew l-evalwazzjoni li saret mill-Kummissjoni. Din hija l-alternattiva tipika fi

kwalunkwe stħarriġ ġudizzjarju ta' attività amministrattiva.[12] Madankollu, sabiex tkun teżisti din l-alternattiva huwa ovvju li għandu jkun hemm żewġ evalwazzjonijiet indipendenti: dik tal-qorti u dik tal-awtorità pubblika li l-azzjonijiet tagħha huma taħt stħarriġ. It-tnejn huma bbażati fuq evalwazzjoni diretta u immedjata tal-avveniment jew tal-aġir li l-konsegwenzi tagħhom isir riferiment għalihom bħala ġustifikazzjoni tal-kontenut tal-att legali suġġett għall-istħarriġ tal-qorti.

75. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, ma huwiex xieraq li wieħed isostni, kif tagħmel il-Kummissjoni, li l-Qorti Ġenerali tkun meħtieġa twettaq eżami dirett tad-dokument, minbarra l-fatt li dan iqiegħed piż indebitu fuq il-Qorti Ġenerali u jmur kontra n-natura diskrezzjonali tas-setgħat tagħha fir-rigward tal-adozzjoni ta' miżuri ta' stħarriġ, ikun jammonta għal "distorsjoni tan-natura ta' azzjoni għal annullament [u], tkun titlob sistematikament lill-qorti tal-Unjoni sabiex tqiegħed lilha nnifisha fil-pożizzjoni tal-istituzzjoni li tiddeċiedi" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (punt 10 tar-risposta tal-Kummisjoni).

76. Il-kuntrarju huwa minnu għar-raġunijiet li ġejjin. L-ewwel nett, l-argument fir-rigward tal-piż li jitqiegħed fuq il-Qorti Ġenerali ma jistax joħloq kundizzjonijiet dwar l-eżerċizzju xieraq tal-ġurisdizzjoni. It-tieni nett, dan il-każ ma jikkonċernax l-adozzjoni ta' miżura ta' stħarriġ immirata lejn il-produzzjoni ta' dokument li hu rikjest sabiex tiġi fformata opinjoni dwar il-pożizzjonijiet imressqa mill-partijiet dwar is-suġġett tal-proċeduri, iżda pjuttost miżura ta' stħarriġ li hija rikjesta sabiex jiġi kkonstatat preċiżament x'inhu eżattament is-suġġett tal-kwistjoni bejn il-partijiet fil-kawża. Fl-aħħar nett, huwa fin-"natura" ta' azzjoni għal annullament li l-legalità ta' deċiżjoni tal-Unjoni Ewropea tiġi stabbilita mill-qrati tal-Unjoni Ewropea permezz ta' eżami tal-motivazzjoni li fuqha hija bbażata dik id-deċiżjoni. Fil-każ preżenti, dan l-eżami huwa possibbli biss jekk il-Qorti Ġenerali tkun tista' tifforma l-opinjoni tagħha dwar il-kontenut tad-dokument ikkontestat, peress li huwa biss abbażi ta' din l-opinjoni li hija tista' tkun f'pożizzjoni li tevalwa l-validità tar-raġunijiet invokati mill-istituzzjoni li opponiet l-iżvelar tiegħu.

77. Fil-qosor, jiena naħseb li t-tieni parti tat-tieni aggravju għandha tiġi milqugħha.

V – Dwar jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tistax taqta' definittivament il-kawża

78. Konformement mal-Artikolu 61, tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, "[j]ekk l-appell ikun fondat sewwa, il-Qorti tal-Ġustizzja tannulla d-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali. Tista' allura jew hija stess tiddeċiedi definittivament il-kawża, meta din tkun fi stat li tiġi deċiża, jew tirrinvija l-kwistjoni quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċidiha".

79. Fil-fehma tiegħi, dan ma huwiex każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tista' taqta' definittivament il-kawża. Fid-dawl tal-kliem fejn nipproponi li l-appell għandu jintlaqa', huwa xieraq li tiġi annullata s-sentenza appellata u li l-kawża tintbagħat lura quddiem il-Qorti Ġenerali għas-sentenza wara li jkun sar eżami dirett tad-dokument kontenzjuż.

VI – Spejjeż

80. Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tordna li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha.

12 — Ara, pereżempju, Santamaría Pastor, J.A., *Principios de Derecho Administrativo General*, vol. II, it-tieni edizzjoni, Iustel, Madrid, 2009, p. 686 *et seq*.

VII – Konklużjoni

81. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddeċiedi kif ġej:

— tilqa' parzjalment l-appell billi tilqa' t-tieni parti tat-tieni aggravju tal-appell, ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-Artikolu 4(5) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001

— u konsegwentement:

  — tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Jannar 2011, IFAW Internationaler Tierschutz-Fonds vs Il-Kummissjoni (T-362/08), li tiċħad ir-rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Ġunju 2008, li tirrifjuta l-aċċess għal dokument mibgħut lill-Kummissjoni mill-awtoritajiet Ġermaniżi fir-rigward ta' proċedura għad-deklassifikazzjoni ta' sit protett taħt id-Direttiva 92/43;

  — tirrinvija lura l-kawża lill-Qorti Ġenerali sabiex tagħti sentenza wara li jsir eżami dirett tad-dokument kontenzjuż, u

  — tordna lill-partijiet ibatu l-ispejjeż tagħhom.